MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 34/2005

Dr. Daniel Aquilina u
Dr. Adrienne Agius,
Bħala mandatarji speċjali ta'
Mirella Toja, Alessandro Tojo, u
Antonio Marcello Giuseppe Toja,
Ilkoll ulied Giuseppe Toja, iben il-mejtin
Antonio u Maddalena nee' Capella.

vs

Rita Sultana

Il-Qorti,

Rat ic-ċitazzjoni ta' l-atturi nomine li biha, wara li ppremettew :

Illi fl-14 ta' Novembru, 2004, miet Giuseppe Toja, missier l-atturi (ċertifikat haw anness u mmarkat Dok. A1);

Illi d-decujus għamel testment f'Malta fid-29 ta' Ottubru, 1997 li ġie imbagħad sostitwit b'testment ieħor magħmul fis-17 ta' April, 2000, fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani (Dok B1) li fih, kif jista' jiġi konstatat, il-konvenuta ġiet nominata eredi universali tad-decujus u l-atturi ma huma benefiċċjari ta' xejn;

Illi l-atturi fi kwalunkwe każ huma intitolati għall-leġittima;
Illi l-atturi għandhom interess li tiġi likwidata u ffissata l-leġittima spettanti lilhom skond il-liġi u li jippercipixxu l-istess;

Illi l-atturi ma jafu bl-ebda testment ieħor rilevanti tad-decujus;

Illi mill-fatti jirriżulta ċar u manifest illi d-decujus kien ċittadin ta', u domiċiljat l-Italja, b'dana illi saħansitra għażel illi jindifen hemm skond dispożizzjoni espressa tat-testment hawn fuq imsemmi;

Illi ai termini tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat, għandha tapplika l-liġi Taljana fil-każ odjern, bl-eċċeżżjoni ta' proprjeta' immobbli appartjenenti lid-decujus, jekk hu l-każ, fejn japplika l-lex situs;

Illi ulied il-mejtin kienu tlieta b'dan illi ai termini tal-liġi taljana, id-dritt tal-leġittima ta' l-atturi huwa ta' tnejn minn disgħa ta' l-assi tad-decujus għal kull attur rispettivament;

Illi għalkemm interpellata biex tersaq għal likwidazzjoni bonarja tal-kwota spettanti lill-atturi, il-konvenuta baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talbu lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi huma intitolati għal leġittima spettanti lilhom skond il-Liġi mill-wirt ta' missierhom Giuseppe Toja;

2. Tiddifinixxi u tillikwida l-leġittima spettanti lill-atturi rispettivament skond il-liġi mill-eredita' tad-decujus Giuseppe Toja;

3. Tassenja lil kull wieħed mill-atturi l-porzjoni tal-leġittima spettanti lilhom u hekk likwidata;

4. Tikkundanna lill-konvenuta tammetti fil-pussess tal-leġittima hekk likwidata lil kull wieħed u waħda mill-atturi;

5. Tiffissa ġurnata, ħin u lok biex jiġi ppubblikat l-att relattiv, u għal dan il-fini tinnomina nutar biex jippubblikah u avukat u prokuratur legali biex jidhru għal kull eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittri uffiċċjali u l-mandati ta' sekwestru u inibizzjoni, kontra l-konvenuta li hija minn issa nġunta sabiex tidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi nomine debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Dr. Daniel Aquilina.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet illi:

1. Illi l-esponenti qatt ma ċaħdet lill-atturi mill-ħlas tal-leġittima li tista' tkun dovuta lilhom mill-eredita' ta' Giuseppe Toja salv li qabel tiġi stabbilita u verifikata l-konsistenza tal-assi tal-wirt.

2. Illi madanakollu jeħtieġ li l-ewwel jiġi determinat liema mill-atturi huma intitolati għall-ħlas ta' leġittima mill-eredita' tiegħu u liema hi l-liġi applikabbli għall-komputazzjoni tal-leġittima dovuta.

3. Illi dan kollu qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-esponenti li żżomm ferm, li tiġi kkumpensata adegwatament għas-serviġi, kuri u assistenzi reżi minnha lil Giuseppe Toja.

4. Illi l-eċċipjenti tikkontesta t-talba għall-kundanna tal-ħlas ta' l-ispejjeż tal-kawża da parti tagħha. Kif jista' jiġi ppruvat dettaljatament fis-smiegħ ta' din il-kawża, l-esponenti qatt ma write lill-atturi li ma kenitx

disposta tħallashom il-leġittima dovuta u għalhekk ma kienx neċessarju li tiġi ntavolata l-kawża odjerna. Il-komputazzjoni tal-leġittima setgħet issir faċilment barra mill-Qorti mingħajr spejjeż żejda.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta maħlufa minnha.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 17/2005 degretat minn din il-Qorti fl-14 ta' April 2005, u allegati ma' dawn l-atti permezz tad-digriet tagħha tas-17 ta' Marzu 2006.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat il-verbal tagħha tad-9 ta' April 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għal-leġittima, jew aħjar kif tissejjaħ illum is-sehem riservat. Ingħad f'dan ir-rigward mill-qrati tagħna illi: "*Id-dritt assolut tad-dispożizzjoni tal-proprjeta' huwa limitat mill-fakolta' ta' xi dispożizzjoni b'titolu gratuwitu, meta d-disponenti jkun ħalla superstiti ċerti parenti. F'dana s-sens il-kapaċita' tal-bniedem li jiddisponi b'testment mhix illimita, l-għaliex id-decujus ma jistax jiddisponi qabel ma jkun ġie nieqes mill-beni tiegħu kollha, iżda minn parti minnhom biss. Fi kliem ieħor, apparti l-limitazzjoni dwar ċerti persuni, il-kapaċita' u l-fakolta' tad-dispożizzjoni permezz ta' attijiet ta' l-aħħar volonta' hija wkoll limitata għall-kwantita' tal-beni. Dina l-kwantita' tiddependi minn kemm mil-likwidazzjoni tal-patrimonju*

*għandu matematikament jikkomponi sew il-parti disponibbli…*". [1]

Fil-kawża preżenti l-atturi nomine, in rappreżentanza tat-tliet ulied tal-mejjet Giuseppe Toja, li jirrisjedu fl-esteru, qegħdin ifittxu li dawn jingħataw mingħand il-konvenuta, l-eredi universali tiegħu kif nominata bl-aħħar testment tiegħu tas-17 ta' April 2000,[2] s-sehem riservat lilhom mil-liġi fuq l-assi ta' missierhom. Il-kontestazzjoni ewlenija bejn il-kontendenti tirrigwarda liema liġi hija applikabbli sabiex jiġi determinat dan is-sehem riservat, u ċioe' jekk hux dik taljana taht liema liġi, l-ulied imisshom żewġ terzi (2/3) mill-assi bejniethom, a tenur ta' l-artikolu 537 tal-Kodiċi Ċivili ta' l-Italja, inkella dik maltija, taħt liema liġi jmisshom biss terz (1/3) bejniethom, a tenur ta' l-artikolu 616(1) tal-kap. 16.

Huwa evidenti li din hija kwistjoni ta' dritt internazzjonali privat, u hemm qbil bejn il-kontendenti illi problema simili għandha tiġi determinata billi jiġi stabilit x'kien id-**domiċilju** tad-*decujus* meta miet.

Kif tajjeb spjegat il-konvenuta fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha,[3] hemm żewġ tipi ta' domiċilji: (i) domiċilju ta' l-oriġini (*domicil of origin*) u (ii) domiċilju ta' l-għażla (*domicil of choice*). L-awturi **Cheshire and North** hekk spjegaw id-differenza bejn dawn iż-żewġ kunċetti: "…*the domicil of origin that is communictad by operation of law to each person at birth, i.e. the domicil of his father or his mother, acccording to whether he is legitimate or illegitimate; and the domicil of choice which every person of full age is free to acquire in substitution for that which he at present possesses*." [4]

Id-domiċilju ta' l-oriġini jista' għalhekk b'għażla tal-persuna jiġi sostitwit matul ħajtu. L-elementi għall-identifikazzjoni tad-domiċilju ta' l-għażla huma tnejn: (i) ir-**residenza** u (ii)

[1] Prim'Awla : Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et : 22.05.1950; kollez. Vol. XXXIV. ii. 574 .
[2] ara Dok. B 1, kopja vera ta' dan it-testment, annessa ma' c-citazzjoni a fol. 9 - 10 tal-process
[3] a fol. 165 et. seq. tal-process .
[4] Private International law, 12 edition, Butterworths, pg. 139 .

l-**intenzjoni.** Kif ikomplu jfissru l-awturi ġia ċitati: "*The two requsites for the acquisition of a fresh domicil are residence and intention. It must be proved that the person in question established his residence in a certain country with the intention of remaining there permanently… These two elements of residence and intention must concur, but this is not to say that there need be unity of time in their concurrence. The intention may either precede or succeed the establishment of the residence. The emigrant forms his intention before he leaves… the émigré who flees from persecution may not form it until years later.*" [5]

Dwar l-ewwel rekwiżit l-istess awturi jispjegaw illi **residenza** tippresupponi preżenza fiżika: "*Residence in a country for the purpose of the law of domicile is physical presence in that country as an inhabitant of it*. (IRC v Duchess of Portland (1982) Ch 314 at 318 - 319)." [6] Kemm iddum din ir-residenza mhix daqstant rilevanti għax, "*Whatever weight is given to the length of residence, it is undeniable that time is not the sole criterion of domicil. Everything depends on the attendant circumstances, for they alone disclose the nature of the person's presence in a country… Conversely, brevity of residence is no obstacle to the acquisition of a domicil, if the necessary intention exists.*" [7]

Sabiex jiġi sodisfatt l-element formali ta' l-**intenzjoni** irid imbagħad jiġi ppruvat li kien hemm il-ħsieb ta' dak li jkun li joqgħod b'mod permanenti fit-territorju fejn ikun jirrisjedi. "… *the acquisition of a domicil of choice requires an intention by the propositus to remain permanently in the territory in which he resides. This is not difficult to understand if the word permanent is used in its correct sense as signifying the opposite of 'temporary'. According to the Shorter Oxford Dictionary, it means 'lasting or designed to last indefinitely without change' and this indeed is the definition that most judges have recognized when required to consider the nature of the intention*

---

[5] op. cit pg. 142 .
[6] ibid.
[7] op. cit. pg. 142 – 143 .

*necessary for a change of domicil."* [8] Iżjed minn hekk irid jiġi pruvat li f'ċertu punt ta' ħajtu, id-decujus kellu intenzjoni li jgħix f'pajjiż partikolari: "*The traditional statement that there must be a present intention of permanent residence merely means that so far as the mind of the person at the relevant time was concerned he possessed the requisite intention. The relevant time varies with the nature of the inquiry. It may be past or present. If for example, the inquiry relates to the domicil of a deceased person, it must be ascertained whether at some period in his life he had formed and retained a fixed and settled intention of residence in a given country. Once this is established, evidence of his subsequent fluctuations of opinion as to whether he would not move elsewhere will be ignored*." [9] Dan ir-rekwiżit ta' l-intenzjoni jiġi sodisfaċentement ippruvat billi jiġi kkunsidrat kull avveniment fil-ħajja ta' persuna. "*It is impossible to lay down any positive rule with respect to the evidence necessary to prove intention. All that can be said is that every conceivable event and incident in a man's life is a relevant and an admissible indication of his state of mind. It may be necessary to examine the history of his life with the most scrupulous care, and to resort even to hearsay evidence where the question concerns the domicil that a person, now deceased, possessed in his lifetime. Nothing must be overlooked that might possibly show the place which he regarded as his permanent home at the relevant time. No fact is too trifling to merit consideration... However, undue stress must not be laid on any single fact, however impressive it may appear when viewed out of its context, for its importance as a determining factor may well be minimized when considered in the light of other quantifying events. Again no one fact is of constant value, for every case varies in its circumstances, and what is of decisive importance in one may be of little weight in another*." [10]

Mill-provi prodotti fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża rriżulta illi d-*decujus* Giuseppe Toja, ta' nazzjonalita'

---

[8] ibid. pg 144 .
[9] ibid. pg. 147 – 148 .
[10] ibid. pg. 148 – 149.

taljana u li fl-1991 ddivorzja mill-ewwel mara tiegħu, li minnha kellu tliet itfal, (l-atturi, kif rappreżentati, f'din il-kawża), ftit żmien wara fl-istess sena ġie Malta mat-tieni mara tiegħu Ughetta Manfredi, esperta fil-qasam ta' persuni b'diżabilita' u b'esperjenza ta' xi għoxrin sena fl-iskejjel ta' Turin. Fil-bidu krew appartament f'Marsalforn, u kienu jiġu u jmorru, imma sussegwentement ddeċidew li joqgħodu hawn f'dar Għajnsielem. Mal-ewwel wrew interess fl-iskola għall-persuni b'diżabilita f'Sannat, u Ughetta bdiet tagħti *lectures* u *counselling* hemmhekk u anke ppreparat xi programmi biex it-tfal jiġu integrati mal-bqija ta' l-istudenti. Fit-22 ta' Mejju 1992 anke ingħatat permess uffiċċjali biex taħdem f'din l-iskola u żewġha applika ma' l-awtoritajiet taljani biex jiġi eżentat mit-taxxa doppja, billi kien qed iħallas it-taxxa tad-dħul regolarment hawn Malta.[11] F'dan kollu Ughetta kienet issib l-għajnuna u koperazzjoni sħiħa ta' żewġha, li bħala ex-bdot, kien anke jħobb jagħmel il-mudelli ta' l-ajruplani tal-*balsawood* għat-tfal. Lill-konvenuta saru jafuha bħala għalliema f'din l-iskola, u billi wriet interess kbir f'dak li kienet qed tipproponi li jsir Ughetta biex timmeljora s-sistema ta' l-edukazzjoni tat-tfal f'dik l-iskola, malajr nibtet ħbiberija bejniethom anke fuq livell personali. Sfortunatament Ughetta sadanittant bdiet issofri minn problemi ta' saħħa u f'Novembru 1994 kellha tmur għal intervent kirurġiku f'Turin. Madankollu malli rritornat, għalkemm fiżikament batuta, baqgħet tattendi l-iskola regolarment. Wara operazzjoni oħra li għamlet Turin ukoll fl-Lulju ta' l-1995 saret taf li kellha kanċer u nfatti mietet hawn Malta f'Diċembru ta' l-istess sena. Żewġha akkumpanja l-fdalijet tagħha l-Italja biex tindifen fil-qabar tal-familja u, kif kien hemm, għamel l-preparamenti meħtieġa biex huwa wkoll jindifen ma' ġembha fl-okkażżjoni tal-mewt tiegħu. Lura Malta baqa' jgħin fl-iskola ta' Sannat u fil-volontarjat, u minkejja li kien jagħmel vjaġġi qosra lejn l-Italja, l-iktar f'Novembru x'aktarx biex iżur il-qabar ta' martu, baqa' jirrisjedi Għawdex. Billi spiċċa waħdu, il-konvenuta bdiet iddur bih u tieħu ħsiebu u għalkemm maż-żmien saħtu bdiet tonqos, ipprefera jibqa' jgħix fid-dar ta' Għajnsielem, flimkien mal-kelb tiegħu, milli jsib xi post eqreb ta' fejn

[11] Dok. RS a fol 66 - 67 tal-process .

kienet toqgħod il-konvenuta, għax kien jgħid li dik id-dar kienet iġġiblu memorji sbieħ taż-żmien li għadda fiha flimkien ma' Ughetta. Fis-17 ta' April 2000 għamel it-testment tiegħu fejn innomina lill-konvenuta bħala eredi universali u ddikjara li kienet ix-xewqa tiegħu li wara mewtu l-fdalijiet tiegħu kellhom jiġu trasportati l-Italja u jindifen qrib martu Ughetta f'Turin.[12] Infatti huwa miet b'attakk tal-qalb fl-Isptar Generali ta' Għawdex fl-14 ta' Novembru 2004[13] u din ix-xewqa ġiet rispettata.

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami nsibu illi:

(i) dwar **ir-residenza** m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta': din jidher illi ġiet stabilita' hawn Għawdex, ta' l-inqas sa minn meta Giuseppe Toja u t-tieni mara tiegħu Ughetta Manfredi ddeċidew li jibdew joqgħodu b'mod fiss hawn Għawdex u akkwistaw id-dar f'Għajnsielem, fl-indirizz : 15, Triq il-Hamri,[14] minflok ma joqgħodu jiġu u jmorru kif kien jagħmlu fil-bidu meta kienu jgħixu f'appartament mikri f'Marsalforn. Hemmhekk baqgħet tgħix il-koppja sa ma mietet il-mara fl-1995, u hemm baqa' jgħix id-decujus sa ma' miet huwa wkoll disa' snin wara.

(ii) Dwar **l-intenzjoni** tad-*decujus* li jistabilixxi r-residenza permanenti tiegħu f'pajjiż partikolari, fil-każ tagħna f'Malta, u preċiżament fil-gżira ta' Għawdex, hemm is-segwenti fatturi li jimmilitaw favurha: (a) l-ewwel u qabel kollox l-aħħar testment tiegħu stess, redatt f'Għawdex, fejn iddikjara li huwa xtaq li fl-epoka tal-mewt tiegħu, il-fdalijiet tiegħu kellhom jiġu trasportati l-Italja biex jindifnu f'Turin viċin dawk tal-maħbuba martu Ughetta;[15] dan ma jistax ifissir ħlief illi d-*decujus* ħames snin wara li mietet it-tieni mara tiegħu u erba' snin qabel mewtu, kien determinat li jibqa' jirrisjedi f'din il-gżira sakemm imut, u minkejja li xi ftit qabel miet seta' qal lil uliedu, kif jallegaw fl-affidavits tagħhom, li xtaq jirritorna l-Italja imma saħtu

---

[12] Dok. Dok. B 1 a fol. 9 – 10 .
[13] Dok. RS 2 a fol. 69 .
[14] Dok. RS 16 a fol. 83 .
[15] ara klawsola II tat-testment tieghu tas-17.04.2000 in atti Nutar Dr. P. Pisani a fol. 9 - 10 tal-process .

ma kienitx tippermettilu li jirkeb ajruplan,[16] kif rajna fit-tagħlim hawn fuq ċitat, tali stqarrija momentanea, jekk verament saret, ma kellha tbiddel xejn mid-deċiżjoni tiegħu meħuda żmien qabel b'mod daqstant determinanti li jrid jibqa' jgħix Għawdex sakemm imut; (b) minkejja li sew hu kif ukoll martu kellhom il-familji rispettivi jgħixu fl-Italja, u kienu jżuruhom regolarment għal perijodi qosra, dejjem spiċċaw biex irritornaw Għawdex; anke meta tfaċċa l-mard ta' Ughetta u ħteġilha tagħmel żewġ operazzjonijiet f'dak il-pajjiż, dejjem spiċċaw ġew lura u t-tnejn li huma mietu hawn; (c) il-fatt li stinkaw kemm felhu sakemm Ughetta ingħatat permess sabiex taħdem b'mod uffiċċjali f'dan il-pajjiż bħala esperta fil-qasam tad-disabilita'; (d) l-applikazzjoni ta' Giuseppe biex jingħata l-ħelsien mit-taxxa doppja billi kien qed iħallas it-taxxa tad-dħul b'mod regolari f'Malta; (e) il-vettura li xtara u li baqa' juża f'Għawdex sa l-aħħar; (f) id-dedikazzjoni li Giuseppe u Ughetta wrew fl-iżvilupp ta' l-iskola ta' Sannat, tant li għamluha l-missjoni ta' ħajjithom li jgħinu mill-aħjar li setgħu lit-tfal diżabilitati li kienu jattendu din l-iskola, u dan Giuseppe baqa' jagħmlu għal disa' snin sħaħ wara l-mewt ta' martu; (g) anke meta saħtu bdiet tiddeterjora fl-aħħar ta' ħajtu, ma xtaqx jitbiegħed mid-dar f'Għajnsielem fejn kien għex ma' Ughetta, lanqas f'Għawdex stess, u dan sabiex jibqa' jiftakar fil-memorji sbieħ li għexu flimkien f'dik id-dar; wisq inqas għalhekk kien ser jitħajjar jirritorna l-Italja għal kollox; (h) meta kien jagħmel żjajjar qosra fl-Italja, kien joqgħod għand il-familja tat-tieni mara tiegħu jew f'lukanda, u qatt għand uliedu; li magħhom ma tantx jidher li baqa' jżomm relazzjonijiet daqstant tajba, tant li l-laqgħat magħhom kienu jkunu qosra u lanqas ried li dawn jiġu infurmati minnufih bil-mewt tiegħu, għax beża' li setgħu jisfrattawlu x-xewqa tiegħu li jindifen fejn Ughetta; dan ukoll jimmilita kontra dak li stqarrew uliedu li kellu l-intenzjoni li fl-aħħar ta' ħajtu jirritorna biex jgħix l-Italja; (i) l-affidavits ta' Enrico Manfredi[17] u Marisa Negrino[18] fejn jistqarru kategorikament li Giuseppe Toja, anke sa Settembu 2004, u ċioe' ftit xhur qabel ma miet, kien

---

[16] ara affidavits ta' ulied id-decujus a fol. 24 - 29 .
[17] a fol. 46 .
[18] a fol. 47 .

għadu jinsisti magħhom li ma riedx jirritorna iżjed l-Italja, lanqas biex iżur il-familja tiegħu.

Minn naħa l-oħra l-fatturi ndikati mill-atturi nomine fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom favur domiċilju tad-*decujus* fl-Italja,[19] ma tantx jistgħu jitqiesu konvinċenti: (a) jissemma l-fatt li Giuseppe Toja baqa' jżomm u jopera kont bankarju fl-Italja. Dan kien jiġi utilizzat biex fih jirċievi l-pensjoni taljana tiegħu u biex minnu jitħallas il-manteniment ta' l-ewwel mara tiegħu. Madankollu rriżulta li kellu wkoll kontijiet bankarji f'dawn il-gżejjer, u għalhekk fih innifsu kont bankarju fl-esteru bħal ma għandhom ħafna nies oħra li jgħixu f'pajjiżna ma jista' jfisser xejn; (b) l-atturi jsemmu wkoll li missierhom kien jindikalhom li xtaq jirritorna biex joqgħod fl-aħħar snin ta' ħajtu fl-Italja, imma apparti l-fatt li ġia ġie mfisser li tali stqarrija ma tistax waħedha tibdel deċiżjoni li kienet ittieħdet żmien qabel, ulied id-*decujus* ma setgħux ifissru għaliex missierhom xorta waħda baqa' qatt ma għamel hekk; (c) jissemmew ukoll iż-żjajjar spissi fl-Italja; imma dawn qatt ma kienu twal biżżejjed biex jistgħu jindikaw domiċilju f'dak il-pajjiż, tant li d-*decujus* wara li ddivorzja minn ma' l-ewwel mara, qatt iżjed ma kellu residenza tiegħu fl-Italja; (d) il-fatt li ried jindifen l-Italja; dan lanqas ma jista' jimmilita favur l-atturi, għaliex fit-testment tiegħu d-*decujus* għamilha ċara li kien bi ħsiebu jibqa' jgħix hawn Għawdex, tant li ried li l-fdalijiet tiegħu jiġu trasportati għall-Italja wara mewtu, u rriżulta li anke għamel il-preparamenti u kuntatti meħtieġa anke ma' l-organiżżaturi funerarji fl-Italja għal dan il-għan, ħaġa li ma kellux għalfejn jagħmel kieku kellu intenzjoni li jirritorna biex jghix l-ahhar snin ta' hajtu fl-Italja, kif allegaw l-atturi.

F'tali ċirkostanzi din il-Qorti hija sodisfatta illi d-domiċilju ta' l-għażla tad-*decujus* fl-epoka tal-mewt tiegħu kienet f'dawn il-gżejjer, u għalhekk hija l-liġi **maltija** li trid tirregola x'inhu dovut bħala leġittima jew sehem riservat lil uliedu.

**Konsistenza ta' l-assi:**

[19] a fol, 161 – 163 .

Irriżulta li fl-epoka tal-mewt tiegħu d-*decujus* ma kellu ebda proprjeta' mmobbli f'dawn il-gżejjer. F'assi mobbli kellu s-segwenti:

(i) depożitu fil-Banco di San Paolo ta' Turin (ag. 19 via Onorato Vigliani n145/B, a/c no. 14644) fl-ammont ta' : EUR 19,580.32; [20]

(ii) depożitu fl-HSBC Malta plc fl-ammont ta' Lm13250.77 (a/c no.071150346001;[21] ekwivalenti llum għal : EUR 30874.29

(iii) vettura tat-tip Suzuki Jeep manufatturata fis-sena 1998,[22] li pero' ma ngħatax il-valur tagħha, u qed tiġi stmata *arbitrio boni viri* minn din il-Qorti fil-valur ta' EUR 1500;

(iv) deheb u ħaġar prezzjuż: stmat minn George Farrugia tal-valur ta' Lm136.85,[23] ekwivalenti llum għal: EUR 318.86;

(v) sett tat-*television* li ġgie skrappjat;[24]

(vi) l-atturi jallegaw illi d-*decujus* kien iddona s-somma ta' EUR 8000 lill-konvenuta,[25] pero' dwar dan ma ressqu ebda prova;[26]

(vii) saret referenza ukoll għal kont kurrenti mal-Bank HSBC Malta plc. (a/c 071-038244-001), li għalkemm intestat fuq il-konvenuta, kien jappartjeni lid-*decujus*, u minnu din kienet tagħmel ħlasijiet f'ismu.[27] Ma rriżultax kemm kien baqa' f'dan il-kont fl-epoka tal-mewt tiegħu, imma mal-bilanċ għandhom jiżdiedu l-Lm200 (illum

---

[20] ara affidavits ta' uliedu a fol. 29 .

[21] ibid. u affidavit tal-konvenuta a fol. 58 .

[22] ara Dok. RS 6 a fol. 73 .

[23] Dok. GF 1 a fol. 101 .

[24] Dok. RS 16 a fol 83 .

[25] ara affaidavits taghhom a fol. 24 - 34 .

[26] ara f'dan ir-rigward l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenuta fl-affidavit taghha a fol. 54 .

[27] ara affidavit tal-konventa a fol. 54 u 57 u dokti. E 13.1; E 13.3, E 15.3. E 15 .1, E 17.1. E 17.3 .

EUR466) mogħtija mill-konvenuta lill-missjoni ta' zijitha, wara l-mewt tad-decujus.[28]

- **total ta' : EUR 52739.47,**

Il-konvenuta minn naħa tagħha qed tirreklama s-segwenti pagamenti, mħallas minn fondi personali, bħala debiti ta' l-eredita':

(i) lil Dr. Marvic Masini ghal konsulta : Lm10;[29]
(ii) riċerki testamentarji l-Qorti : Lm5;[30]
(iii) ċertifikat tal-mewt ; Lm3.50;[31]
(iv) kont tal-ilma u d-dawl: Lm15;[32]
(v) affidavit in konnesjoni mat-*television* tad-*decujus* : Lm3;[33]
(vi) spejjeż bankarji għal total ta' : Lm22.50;[34]

- **total ta' Lm59, ekwivalenti ghal EUR137.47.**

Il-konvenuta qed tippretendi wkoll ir-rimbors ta' diversi ħlasijiet magħmula l-Qorti in konnessjoni ma' din il-kawża.[35] Dawn pero' ma jistgħux jitqiesu bħala debiti ta' l-eredita'. Tippretendi wkoll ir-rimbors tal-kera li allegatament qed tħallas biex il-karozza tad-*decujus* tiġi garaxxjata. Imma dwar dan ma esebiet ebda riċevuti, u għalhekk din it-talba lanqas ma hi ser tiġi konsidrata.

Għaldaqstant l-assi tad-*decujus,* li fuqhom għandha tiġi kkalkolata l-leġittima spettanti lil ulied Giuseppe Toja, jammonta għas-segwenti : EUR 52739.47 - EUR137.47 = EUR52602. Ma' dan irid jiżdied, kif ġia ngħad, kwalunkwe bilanċ li għad fadal fil-kont kurrenti a/c no. 071-038244-001 mal-HSBC Malta plc intestat fuq isem il-konvenuta. Billi ulied id-*decujus* huma tlieta, jmisshom skond il-liġi

---

[28] dokti. RS13 u 14 a fol. 80, 81 .
[29] Dok. RS 17 a fol. 84 .
[30] Dok. RS 18 a fol. 84 .
[31] Dok. RS 19 a fol. 85 .
[32] Dokti.RS 27, 28 a fol. 89, 90 .
[33] Dok. RS 26 a fol. 88 .
[34] Dokti. RS 30, 31 u 32 a fol. 92 .
[35] ara para. 10 ta' l-affidavit taghha a fol. 58 - 59.

maltija, terz minn dan l-ammont bejniethom, u ċioe' EUR17534, jew aħjar EUR5844.66 kull wieħed/waħda, flimkien ma' wieħed minn disa' partijiet (1/9) kull wieħed/waħda mir-rikavat fil-kont kurrenti hawn indikat.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn il-konvenuta qatt ma ċaħħdet lill-atturi minn dak legalment dovut lilhom, u kienet biss il-kwistjoni dwar liema reġim legali huwa applikabbli li x'aktarx wassal għal din il-kawża, huwa xieraq li l-ispejjeż tal-kawża jiġu maqsuma bejn l-atturi minn naħa u l-konvenuta minn naħa l-oħra.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara li l-atturi huma ntitolati għal-leġittima spettanti lilhom, imma skond il-liġi maltija u mhux dik taljana, kif jippretendew huma;

(ii) tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-leġittima spettanti lill-atturi mill-eredita' ta' missierhom Giuseppe Toja fl-ammont ta' sbatax-il elf ħames mija u erbgħa u tletin euro (EUR17534), flimkien ma' terz mill-bilanċ fil-kont kurrenti numru 071-038244-001 intestat f'isem il-konvenuta mal-HSBC Malta plc;

(iii) tilqa' t-tielet talba u tassenja lil kull wieħed/waħda minn ulied id-*decujus* terz minn dan l-ammont u ċioe' ħamest elef tmien mija erba' u erbgħin euro u sitta u sittin ċenteżmu (EUR5844.66), flimkien ma' wieħed minn disa' (1/9) tal-bilanc fil-kont bankarju hawn fuq msemmi;

(iv) tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi nomine, in rappreżentanza tal-leġittimarji, l-ammonti hekk likwidati;

(v) tiċħad il-ħames talba billi mhux il-każ, ġialadarba ma rriżultaw ebda beni immobbli fl-eredita' tad-*decujus*.

L-ispejjeż tal-kawża, kif hawn fuq spjegat, għandhom jiġu ssoportati kwantu għal nofs mill-atturi nomine, u nofs mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------